

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, ...
C

Abbozz

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...

tal-...]

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-Operazzjonijiet tal-Ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Abbozz

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...

tal-[...]

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-Operazzjonijiet tal-Ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE¹ (minn hawn 'il quddiem ir-'Regolament Bażiku'), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(6), 8(5) u 10(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011² jistabbilixxi regoli ddettaljati għal ċerti liċenzji tal-bdoti, il-konverżjoni tal-liċenzji u ċ-ċertifikati nazzjonali, kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-aċċettazzjoni ta' liċenzji minn pajjiżi terzi. Minbarra dan, ir-Regolament (UE) Nru 1178/2011 jinkludi dispożizzjonijiet dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-organizzazzjonijiet tat-taħriġ approvati u ta' operaturi ta' apparat ta' taħriġ għas-simulazzjoni tat-titjir li jintuża għall-kontroll, l-ittestjar u t-taħriġ tal-bdoti.
- (2) Bis-sostituzzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 mir-Regolament (KE) Nru 216/2008, l-Artikolu 5 li jitratta l-ajrunavigabbiltà ġie estiż biex jinkludi l-elementi tal-evalwazzjoni tal-adeqwatezza operattiva fir-regoli ta' implimentazzjoni għal ċertifikat tat-tip.
- (3) L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem l-'Aġenzija') ħasset il-ħtieġa li tipproponi emendi għar-Regolament (KE) Nru 1702/2003 sabiex tippermetti lill-Aġenzija ttejjeb id-dejta tal-adeqwatezza operattiva bħala parti mill-proċess taċ-ċertifikazzjoni tat-tip.
- (4) Id-dejta tal-adeqwatezza operattiva sejra tinkludi elementi ta' taħriġ mandatorji għat-taħriġ tal-klassifikazzjoni tat-tip ta' persunal għaċ-ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni li għandhom ikunu l-bażi għall-iżvilupp tal-korsijiet ta' taħriġ tat-tip.
- (5) Ir-rekwiżiti relatati mal-istabbiliment ta' korsijiet ta' taħriġ tal-klassifikazzjoni tat-tip ta' ekwipaġġ tat-titjira jirreferu għad-dejta tal-adeqwatezza operattiva, iżda għandha tiġi

¹ ĠU L 79, 19.03.2008, p.1.

² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 1178/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 311, 25.11.2011, p.1).

miżjuda dispożizzjoni ġenerali għall-każ li d-dejta tal-adegwatezza operattiva ma tkunx disponibbli u fl-istess ħin ikun meħtieġ li jiġu miżjuda l-miżuri ta' tranżizzjoni neċessarji.

- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-Opinjoni maħruġa mill-Aġenzija³ f'konformità mal-Artikoli 17(2)(b) u 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-Opinjoni⁴ tal-Kumitat tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni stabbilit mill-Artikolu 65(3) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (8) Għaldaqstant, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1178/2011 għandu jiġi emendat kif xieraq.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1178/2011 qed jiġi emendat kif ġej:

1. Huwa miżjud Artikolu 9bis ġdid kif ġej:

Artikolu 9bis

Taħriġ tal-klassifikazzjoni tat-tip u dejta tal-adegwatezza operattiva

1. Meta fl-Annessi ssir referenza għad-dejta tal-adegwatezza operattiva stabbilita f'konformità mal-Parti-21, fil-każ li din id-dejta ma tkunx disponibbli għat-tip rilevanti, l-applikant jista' jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Annessi biss.
 2. Il-korsijiet ta' taħriġ tat-tip approvati qabel l-approvazzjoni tas-sillabu minimu tat-taħriġ tal-klassifikazzjoni tat-tip ta' persunal għaċ-ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni fid-dejta tal-adegwatezza operattiva għat-tipi rilevanti, f'konformità mal-Parti-21, għandhom jinkludi l-elementi ta' taħriġ mandatorji tad-dejta tal-adegwatezza operattiva fi żmien erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jew fi żmien sentejn wara li tkun ġiet approvata d-dejta tal-adegwatezza operattiva, tkun liema tkun l-aħħar.
2. L-Anness VII għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 1178/2011 qed jiġi emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

³ (07/2011).

⁴ (Għandha tinħareġ).

Magħmul fi Brussell, XXXX.

Għall-Kummissjoni
[...]
Il-President

ANNEX

L-Anness VII (il-Parti-ORA) għar-Regolament (UE) 1178/2011 qed jiġi emendat kif ġej:

1. Fil-punt ORA.GEN.160, il-punt (b) qed jinbidel b'dan li ġej:
 - ‘(b) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu (a), l-organizzazzjoni għandha tirrapporta lill-awtorità kompetenti u lill-organizzazzjoni responsabbli għad-disinn tal-inġenju tal-ajru, kull inċident, malfunzjoni, difett tekniku, qbiż tal-limitazzjonijiet tekniċi, okkorrenza li tenfasizza informazzjoni mhux eżatta, mhux kompluta jew ambigwa li tinsab fil-parti mandatorja tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva stabbilita f'konformità mal-Parti-21 jew xi ċirkostanza irregolari oħra li pperikolat jew li setgħet ipperikolat l-operazzjoni sigura tal-inġenju tal-ajru u li ma rriżultatx f'aċċident jew f'inċident serju.’
2. Fil-punt ORA.ATO.145, il-punt (a) qed jinbidel b'dan li ġej:
 - ‘(a) L-ATO għandu jiżgura li l-istudenti jilħqu l-prerekwiżiti kollha għal taħriġ stabbiliti fil-Parti-Medika, il-Parti-FCL, u, jekk ikun applikabbli, kif definiti fil-parti mandatorja tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva stabbilita f'konformità mal-Parti-21.’
3. Fil-punt ORA.FSTD.210(a), il-punt (2) qed jinbidel b'dan li ġej:
 - ‘(2) id-dejta tal-validazzjoni tal-inġenji tal-ajru ddefinita mill-parti mandatorja tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva stabbilita f'konformità mal-Parti-21, jekk ikun applikabbli; u’